

DEĊIŻONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/2196

tat-13 ta' Diċembru 2021

li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK ⁽¹⁾.
- (2) Fid-dawl tal-involvement fl-Ukrajna tal-Grupp Wagner, entità militari privata mhux inkorporata bbażata fir-Russja, fazzjonijiet li jipperikolaw u jheddu l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, b'mod partikolari f'Donbas, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li jinżdiedu tliet persuni mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.
- (3) Għalhekk l-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-persuni elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni għandhom jinżdiedu mal-lista li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2021.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BORRELL FONTELLES

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

ANNEX

Il-persuni li ġejjin jinżiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
201.	Dimitriy (Dimitry, Dmitri, Dmitry) Valerievich UTKIN (Дмитрий Валерьевич УТКИН)	<p>Pożizzjoni(jiet): Fundatur u Kmandant tal-Grupp Wagner; Kap Eżekuttiv ta' Concord Management and Consulting</p> <p>Grad: Logutenent Kurunell (militar Russu)</p> <p>Sinjal tas-sejħa: Wagner/Wagner</p> <p>Data tat-twelid: 1.6.1970 jew 11.6.1970</p> <p>ID tal-Grupp Wagner: M-0209</p> <p>Post tat-twelid: Asbest, Sverdlovsk Oblast, ex USSR (ex Unjoni tar-Repubbliki Soċjalisti Sovjetiċi) (issa l-Federazzjoni Russa)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Indirizz: Pskov, il-Federazzjoni Russa</p> <p>Ġeneru: maskil</p>	<p>Dimitriy Utkin, eks uffiċjal tal-intelligence militari Russa (GRU), huwa l-fundatur tal-Grupp Wagner u huwa responsabbli għall-koordinazzjoni u l-ippjanar tal-operazzjonijiet għall-iskjerament tal-merċenarji tal-Grupp Wagner fl-Ukrajna.</p> <p>Fil-pożizzjoni ta' kmand tiegħu fi ħdan il-Grupp Wagner, huwa kien personalment preżenti fuq il-post tal-ġlied fl-Ukrajna billi kkoordinat u ppjana l-attivitajiet tal-membri ta' Wagner.</p> <p>Minħabba l-pożizzjoni ta' kmand tiegħu, huwa għalhekk responsabbli għall-azzjonijiet li dgħajfu u heddeu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u implimentahom b'mod attiv.</p>	13.12.2021
202.	Denis Yurievich KHARITONOV (Денис Юрьевич ХАРИТОНОВ)	<p>Pożizzjoni(jiet): Viċi kap reġjonali tal-fergħa ta' Astrakhan tal-Unjoni tal-Voluntiera ta' Donbass; membru tad-Duma ta' Astrakhan Oblast; merċenarju tal-Grupp Wagner</p> <p>Data tat-twelid: 16.3.1980</p> <p>Post tat-twelid: Astrakhan Oblast, SFSR Russa</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Passaport: 76 2759110</p> <p>Maħruġ minn MVD 30001</p> <p>Data ta' skadenza: 10.3.2030</p> <p>Indirizz: Il-villaġġ ta' Ilyinka, Astrakhan Oblast, il-Federazzjoni Russa</p> <p>Ġeneru: maskil</p>	<p>Denis Kharitonov huwa viċi kap reġjonali tal-fergħa ta' Astrakhan tal-Unjoni tal-Voluntiera ta' Donbass, membru tad-Duma ta' Astrakhan Oblast u merċenarju tal-Grupp Wagner.</p> <p>Huwa ġġieled f'Donbas fil-battaljun separatista ta' Steppe, fejn ikkmanda platon ta' kumpless ta' missili kontra l-inġenji tal-ajru portabbli. Huwa ammetta li personalment waqqa' ħelikopter Ukren u żewġ inġenji tal-ajru Su-25 waqt li kien qiegħed Donbas.</p> <p>Huwa rċieva l-Ordni tal-Mertu tal-Federazzjoni Russa għall-Patrija. Huwa rċieva wkoll premijiet interni tal-Grupp Wagner kif ukoll premijiet mill-kap tal-Unjoni tal-Voluntiera ta' Donbas u eks Prim Ministru tal-hekk imsejħa Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk (DPR) Alexander Borodai (soġġett għal miżuri restrittivi abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK). B'hekk huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u implimenta politiki li jipperikolaw u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	13.12.2021

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
203.	<p>Sergey Vladimirovich SHCHERBAKOV</p> <p>(Сергей Владимирович ЩЕРБАКОВ)</p>	<p>Pożizzjoni(jiet): Impjegat freelance tal-GRU Russu u merċenarju tal-grupp Wagner</p> <p>Data tat-twelid: 21.7.1981</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Indirizz: Possibbilment: Astrakhan, Kirovskiy rayon, Raskolnikova 11 app. 5, il-Federazzjoni Russa</p> <p>Ġeneru: maskil</p>	<p>Sergey Shcherbakov huwa impjegat freelance tal-GRU Russu u merċenarju tal-Grupp Wagner.</p> <p>Huwa ġġieled f'Donbas għall-forzi separatisti favur ir-Russja bħala membru ta' unità militari ta' kumpless ta' missili kontra l-inġenji tal-ajru portabbli fil-battaljun separatist ta' Steppe favur ir-Russja li waqqgħu elikopter Ukren u żewġ inġenji tal-ajru Su-25 f'Donbas. B'hekk huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u implimenta politiki li jipperikolaw u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	13.12.2021".